



Brussell, 27 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5612/15

LIMITE

PESC 78
COEST 23
NIS 4

NOTA PUNT "I"

minn:	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
data:	27 ta' Jannar 2015
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Suġġett:	RELAZZJONIJIET MAL-BJELORUSSJA - Lista ta' miżuri konkreti addizzjonali possibbli għall-approfondiment tal-politika tal-UE ta' impenn kritiku mal-Bjelorussja

1. Fil-25 ta' Settembru 2014, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà stieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni biex jipprovdu lista ta' miżuri konkreti addizzjonali possibbli (il-'Lista ta' Miżuri') għall-approfondiment tal-politika tal-UE ta' impenn kritiku mal-Bjelorussja.
2. Fl-10 ta' Diċembru 2014, il-Lista ta' Miżuri (Coreu EAS/1317/14) ġiet ippreżentata lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li inkariga lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali biex jeżamina aktar il-lista u biex jirrapporta lura lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà.
3. Fil-laqgħa tiegħu fis-16 ta' Diċembru 2014, u fit-8, it-12 u l-20 ta' Jannar 2015, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali indirizza l-kwistjoni, u laħaq qbil dwar il-lista fit-22 ta' Jannar 2015.
4. Fis-27 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva l-Lista ta' Miżuri.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-Lista ta' miżuri konkreti addizzjonali possibbli għall-approfondiment tal-politika tal-UE ta' impenn kritiku mal-Bjelorussja, kif tidher fid-dokument 5544/15 PESC 69 COEST 18 NIS 3 RESTREINT UE/EU RESTRICTED.


